**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**Vs**

**Ramirez Vella**

Kaz Nru: 178/2019

Illum 14 ta' Ottubru 2020

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ramirez Vella, 20 sena, iben Mario Vella u Maria Dolores Mifsud, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' Ottubru 1998, residenti gewwa Crystal Building, Fl 7, Triq Dun Guzepp Gonzi, Hal Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 380198(M).

Akkuzat talli nhar is-7 ta' Marzu 2019 u anka matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

A. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga **kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-

dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

B. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga **herojina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. Ikkommettejt dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' traffikar tad-droga kokajina u erojina fis-7 ta' Marzu 2019 u matul ix-xhur ta' qabel u dan ghamlu fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Fix-xhieda tieghu l-**Ispettur Mark Anthony Mercieca**[1] spjega li fis-7 ta' Marzu 2019 il-Pulizija wettqet raid fir-residenza numru 5, 'Rose', Triq Mountbatten, Pieta' fuq suspett ta' traffikar u tehid ta' droga mill-istess fond. Qabel din id-data kienu saru diversi raids ohra fejn kien jintuza l-istess modus operandi minn cirku organizzat mill-istess persuni. L-Ispettur kien prezenti waqt dan ir-raid. Huwa xehed li din ir-residenza kienet attrezzata b'bibien u twieqi tal-hadid u gebel; kif ukoll b'CCTVs mal-faccata tad-dar u fuq il-bejt u anke mal-genb ta' wara tar-residenza u dan sabiex kull entratura tar-residenza tigi sorveljata. Huwa kellu grupp ta' nies kemm fuq il-bejt, mill-gallarija ta' quddiem u mill-faccata tad-dar. Inxtehtu diversi gas canisters konsistenti f'duhhan sabiex iwaqqfu lill-malviventi milli jarmu d-droga ghaliex il-modus operandi tad-djar ta' qabel kien li tintuza' landa tal-actu u kif isiru jafu bil-Pulizija d-droga kienet qed tintrema gewwa l-laned tal-actu sabiex tigi distrutta.

Hekk kif il-Pulizija accediet gewwa l-fond instabu erba' persuni li kienu kollha gewwa s-salott. Huwa spjega li meta tidhol f'din id-dar ghandek kuritur li kellu bieb tal-injam. Meta infaqa' l-bieb ta-injam kien hemm bieb tal-hadid warajh. Meta nqata' l-bieb tal-hadid kien hemm kancell iehor tal-hadid u kien hemm diversi knatan u gebel. Qabel titla' t-tarag kien hemm kancell iehor tal-hadid. Huwa kompla li meta telghu l-ewwel sular, malli titla' t-tarag, fuq in-naha tax-xellug kien hemm kamra b'bieb tal-hadid bi slot minn go fiha. Din il-kamra kienet qisha ufficcju. Infatti kienet armata b'monitor, desk fejn isir il-bejgh u l-preparazzjoni tad-droga. Fuq ix-xellug tad-desk fejn kien hemm bilqeghda l-persuna li tkun hemm gewwa kien hemm landa tal-actu li jidher li kienet intuzat ukoll dakinhar. Fuq il-monitor kienu jidhru c-CCTVs installati. Kif tohrog minn din il-kamra timxi kuritur fejn issib salott, mejda tal-ikel u toilet fuq in-naha tal-

[11] Seduta tal-15 ta' April 2019

lemin. Fis-salott kien hemm 4 persuni ossija Owen James Formosa, Ramirez Vella, Anthony Cutajar u Ramona Vassallo.

Komplew iduru d-dar u x'hin titla' t-tielet sular kien hemm it-tarag tal-bejt barrikat b'gebel u kancell iehor li kien impossibbli tidhol minnu. Kull tieqa kemm ghax-xaft u ghall-faccata ta' kull sular kienu maghlquin b'kanen tal-hadid u hadid iehor sabiex ma jkunx hemm access facli ghal terzi li riedu jidhlu minn barra.

Wara li ta d-drittijiet kollha lill-imputat, l-Ispettur kellmu fuq il-post u stqasih x'kien qieghed jaghmel hemm u l-imputat wiegbu li kellu xi jghid mat-tfajla u mar hemm biex ipejjep joint ma' shabu. L-imputat kellu pouch quddiemu b'xi tabakk u zewg mowbajls – Nokia iswed zghir u IPhone li l-imputat iddikjara li kienu tieghu. Fuq il-post thalla Anthony Cutajar sabiex isiru t-tfittxijiet kollha tal-Pulizija. Infethet ukoll Inkjesta Magisterjali

L-Ispettur Mercieca kompla li huwa tkellem ukoll ma' Owen James Formosa, li wkoll tressaq fuq pussess tad-droga, fejn stqarr li Ramirez Vella kien il-persuna li tbiegh id-droga minn gewwa l-imsemmija dar. Kien stqarr li ra lill-imputat diversi drabi fid-dar u kien jarrah jinbidel f'shift ma' nies ohra u li kien jahdem ghal Jordan Azzopardi. Owen James Formosa ghazel li jigguramenta l-istqarrija tieghu.

L-Ispettur Mercieca spjega wkoll li minn gewwa l-fond ittiehdu diversi kampjuni mill-espert mahtur.

Ramirez Vella irrilaxxja zewg stqarrijiet, l-ewwel wahda fit-8 ta' Marzu 2019 fejn wara l-istess ittiehdlu sample ghad-DNA u inghata l-police bail. Komplew l-investigazzjonijiet u kien hemm xi matches tad-DNA tal-imputat fuq oggetti differenti gewwa l-imsemmi ufficcju. Fit-8 ta' April 2019 Ramirez Vella rrilaxxja stqarrija ohra. F'dawn l-istqarrijiet, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghal maggiorparti tal-mistqosijiet li sarulu.

In kontro-ezami[2] huwa kkonferma li l-area li sabu lill-imputat kienet dik ghall-users. Fuqu ma sabulu xejn hlief pouch b'xi affarijiet u zewg mowbajls.

---

[2] Seduta tat-12 ta' Frar 2020

**WPS 9 Abigail Fenech Pomroy**[3]**, PS 1086 Johan Micallef**[4]**; PC 1494 Andre Grech u PS 579 Antoine Micallef** ilkoll ufficjali tal-pulizija stazzjonati fl-Iskwadra kontra d-Droga kienu involuti fir-raid li sar u kkoroboraw max-xhieda tal-Ispettur Mercieca partikolarment inkwantu ghad-deskrizzjoni tal-fond u x'instab u min instab hemm.

**Lee Jonathan Borg** xehed[5] li qabel l-arrest tieghu huwa kien ighix fir-residenza ta' nanntu, li kien ighix maghha sakemm marret gewwa Dar tal-Anzjani. Il-fond fejn kien ighix huwa 5, 'Rose', Mountbatten Street, Hamrun. Huwa qal li gie arrestat fuq droga u kera d-dar lil Jordan Azzopardi izda jghid li ma kienx jaf x'sar mid-dar ghaliex kien qieghed il-Habs.

**Owen James Formosa** xehed[6] li huwa fiz-zmien tal-kaz kellu l-vizzju tad-droga u kien jikkonsma kokajina. Huwa kien qieghed joqghod fil-post fil-Pieta' billi kien spicca bla saqaf taht rasu. Minn gol fond inkwistjoni kienu jbieghu d-droga. In-nies kienu jitilghu fuq u kien hemm kamra fin-nofs. Kien hemm bieb maghluq li fih kien hemm toqba u permezz ta' din it-toqba kienu jigu skambjati d-droga u l-flus. Il-bieb gieli kien ikun miftuh u huwa gieli dahal fl-ufficcju. F'dan l-ufficcju huwa ra lil Ramirez Vella jbiegh id-droga. L-imputat gieli biegh id-droga kokajina lilu wkoll minn hemm. Anki dakinhar li kien arrestat, l-imputat kien bieghlu d-droga. Kien hemm ukoll certu Luke ibiegh minn hemm ukoll. Jixhed li huwa gie msawwat minn Luke, Jordan u Brandon izda l-imputat ma kellux x'jaqsam f'dan l-incident. Huwa qal li lill-imputat rah biss ibiegh id-droga minn dan il-fond tal-Pieta' u rah aktar minn darba.  Huma kienu qishom jahdmu bis-shift, qisu shift ta' tmien sieghat. Ma jafx kemm kienu jbieghu f'gurnata. Ix-xhud kien jikkonsma nofs gramma kokajina kuljum li tiswa €50. In kontro-ezami qal li n-nies li kienu jbieghu d-droga kienu qeghdin jahdmu ghal Jordan. Ix-xoghol kien jingab lest u l-imputat qatt ma gab ix-xoghol huwa. Din ix-xhieda tikkombacja mal-istqarrija guramentata tal-istess xhud, biss pero' fejn hemm hafna aktar dettal. Punt li jrid jigi rilevat huwa li dan ix-xhud qal li lill-imputat kien ilu xahar jarah fil-fond.

L-esperti Dr Marisa Cassar, Profs Emanuel Sinagra u Scene of Crime Officers PS 586 Mario Azzopardi u PC 1331 Darren Debattista kollha

---

[3] Seduta tal-15 ta' April 2019
[4] Seduta tad-29 ta' April 2019
[5] Seduta tal-1 ta' Awwissu 2019
[6] Seduta tal-1 ta' Awwissu 2019

ezebew ir-rapporti taghhom u kkonfermawhom bil-gurament; filwaqt li l-esperti Perit Nicholas Mallia u Keith Cutajar ikkonfermaw mill-gdid li espletaw l-inkarigu billi kienu pprezentaw ir-rapport taghhom fl-atti tal-Inkjesta.

Mir-rapport ta' Dr Marisa Cassar[7] jirrizulta li kien hemm numru ta' ezebiti li kienu gew elevati minn gewwa l-fond li qablu mad-DNA tal-imputat. Dawn kienu filters ta' sigaretti u tissue.

Mir-rapport tal-Profs Emanuel Sinagra[8] jirrizulta mill-konkluzjoni tieghu li:

*Fuq l-oggetti relatati mad-droga illi kien hemm gewwa d-dokumenti 174_19_01[9], 174_19_02[10], 174_19_06[11] u 174_19_07[12] instabet is-sutanza kokajina. Din is-sustanza instabet fi tracci. Din is-sustanza hija kontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Illi fis-16 ta' Awwissu 2020, l-imputat odjern irrilaxxja stqarrija u dan wara li d-difiza talbet lil din il-Qorti tawtorizza lill-Ufficjal Prosekutur ikun jista' jitkellem mal-imputat. L-imputat ghazel li jigguramenta l-istess stqarrija u fis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2020, id-difiza tablet lill-Prosekuzzjoni tezebixxi l-istqarrija appena rilaxxjata u guramentata.

F'din l-ahhar stqarrija, l-imputat ighid li meta kien irilaxxja l-istqarrija fil-bidu huwa kien imbezza'. Huwa jammetti li meta gie arrestat fis-7 ta' Marzu 2019 minn gewwa residenza numru 5, 'Rose', Triq Mountbatten, Pieta' huwa kien qieghed ibiegh id-droga minn hemm u dan kien qieghed jaghmlu sabiex imantni l-vizzju tad-droga. Huwa kien jikkonsma kannabis u kokajina. Kien ilu b'dan il-vizzju ghal aktar minn tlett snin. Huwa qal li llum m'ghadux jikkonsma droga. Kien ilu jbiegh minn gewwa l-imsemmi fond ghal anqas minn xahar. Huwa qal li kien ibiegh

---

[7] Dok MC ezebit fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019

[8] Dok ES ezebit fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2019

[9] Evidence bag issiggillata bin-numru M01327381 indikat bhala 19A0H201 kontenenti hames bicciet tal-foil u bicca plastic trasparenti

[10] Evidence bag issiggillata bin-numru MO1327380 indikat bhala 19AOH202 kontenenti ghonq ta' flixkun tal-plastik li kellu ticpis ta' lewn griz fil-gewwa tal-ghonq

[11] Evidence bag issiggillata bin-numru A02899814 indikat bhala 19AOH205 kontenenti biro vojta bit-truf imcapsa

[12] Evidence bag issigillat bin-numru M01327378 indikat bhala 19AOH206 kontenenti flixkun tal-plastik Kristal b'straw imdahla fil-genb u bicca foil mal-ghonq

kokajina u kannabis. Erojina qatt ma biegh. Huwa ma jafx ezatt kemm kien ibiegh izda gieli kien jahdem tnax-il siegha shah. Kien jahdem skont meta kienu jcemplulu. Huwa kien jithallas bid-droga, jigifieri gramma kokajina kuljum ghalkemm Jordan Azzopardi li kien huwa li jhaddmu kien weghda €100 kull darba li jidhol xoghol. Dan Jordan Azzopardi gieli kien imur hemm biex jara li kollox sew. Ix-xoghol kien igibu jew Jordan Azzopardi jew persuna ohra. Huwa qatt ma biegh droga minn postijiet ohra. Qal li l-kokajina f'forma ta' crack kien ibieghha €100 l-gramma u l-haxixa gieli kien itiha b'xejn.

**Ikkunsidrat**

Illi minn tali provi prodotti l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat fiz-zmien tal-akkuza kien qieghed ibiegh id-droga kokajina. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Owen James Formosa li qal li apparti dakinhar tal-arrest kien hemm drabi ohra fejn l-imputat bieghlu l-kokajina; kif ukoll minn dak li stqarr l-istess imputat. Oltre dan irrizulta li l-imputat kien ikun f'dak li kien jitqies bhala ufficcju li kien jintuza' biex minnu tinbiegh id-droga u kif ukoll biex wiehed jara l-monitors ai fini ta' sorveljar u tali kamra ma jidhirx li kienet accessibbli ghal kulhadd u fiha instabu zewg filters ta' sigaretti u tissue li fuqhom instab id-DNA tal-imputat.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ma tinsab ebda prova in atti li l-imputat qatt biegh jew offra li jbiegh id-droga erojina w ghalhekk huwa ma jistax jinstab hati ta' tali imputazzjoni.

Inkwantu ghall-aggravju tad-distanza, ghalkemm fl-Inkjesta Magisterjali nhatar Perit biss pero' ma jirrizultax mir-rapport tieghu li r-residenza inkwistjoni hija fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh u ma ngabet ebda prova ohra li tissustanzja tali aggravju. Ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati tal-istess.

**Piena**

Il-Qorti qieghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat li huwa reat serju hafna, il-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda netta; kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li fil-konfront tal-imputat ghandu japplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101

billi huwa gguramenta l-istqarrija rilaxxjata minnu fis-16 ta' Awwissu 2020.

Inkwantu ghall-ispejjez li ghandhom jigu akkollati lill-imputat, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li rigward dan il-kaz tressqu l-Qorti tlett persuni li wiehed minnhom huwa l-imputat u fir-rigward ta' persuna ohra ghadhom ghaddejjin investigazzjonijiet. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni l-imputat se jigi kkundannat ihallas terz tal-ispejjez tal-esperti nominati, ad eccezzjoni tal-espert Dr Marisa Cassar fejn huwa se jigi kkundannat ihallas kwart tal-ispejjez billi instab DNA ta' erba' persuni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u l-artikolu 29 tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li hawn instab hati tieghu – u ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitejn euro (€1,200). Il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tal-aggravju tad-distanza migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' erbat elef disa' mija u tnejn u sebghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€4,972.73) rapprezentanti hals tal-esperti nominati. Il-hati qieghed jinghata tlett (3) snin zmien sabiex ihallas tali ammont liema perjodu jibda jiddekorri minn meta jiskonta s-sentenza tieghu.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**